VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L. 52/11/2019

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2019 li jemendaw il-Bye-Laws dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali San Ġiljan)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali San Ġiljan għamel dawn il-Bye-Laws li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-Bye-Laws hu Bye-Laws tal-2019 li jemendaw il-Bye-Laws dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali San Ġiljan), u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Bye-Laws dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali San Ġiljan), hawn iżjed 'il-quddiem imsejħa "il-Bye-Laws prinċipali". L.S. 363.113.

Temenda l-Bye-Law 2 tal-Bye-Laws prinċipali.

2. Il-Bye-Law 2 tal-Bye-Laws prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-tifsira "post pubbliku" tagħha, għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "post pubbliku" tfisser it-toroq kollha ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan;"; u

(b) it-tifsira "toroq" tagħha, għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "toroq" tfisser it-toroq kollha ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan.".

Temenda l-Bye-Law 6 tal-Bye-Laws prinċipali.

3. Il-Bye-Law 6 tal-Bye-Laws prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "li jkun jinsab f'xi triq jew post pubbliku kif muri fi Skeda A" tagħha, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "li jkun jinsab f'xi triq jew post pubbliku fil-lokalità"; u

(b) fil-paragrafu (a) tagħha, il-kliem "fl-Iskeda B" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fl-Iskeda A".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Thassar l-Iskeda A tal-Bye-Laws prinċipali.

4. L-Iskeda A tal-Bye-Laws prinċipali għandha tiġi mħassra.

Temenda l-Iskeda B tal-Bye-Laws prinċipali.

5. L-Iskeda B tal-Bye-Laws prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala Skeda A.